

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Settembru 2020 (Każ R 205/2020-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn F. Misiego Blázquez u Freshly Cosmetics.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Freshly Cosmetics, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 19, 18.1.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2021 – Beelow vs EUIPO (made of wood)**

(Kawża T-702/20) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali made of wood – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/1001”)*

(2021/C 452/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Timo Beelow (Wuppertal, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Vogtmeier, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bosse u E. Markakis, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Settembru 2020 (Każ R 108/2020-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali made of wood bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Timo Beelow huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 28, 25.1.2021.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2021 – GABO:mi vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-881/19) <sup>(1)</sup>

*(“Klawżola ta' arbitraġġ – Is-Sitt u s-Seba Programm-Qafas għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2002-2006 u 2007-2013) – Programme-Qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni ‘Horizon 2020’ (2014-2020) – Ftehimiet ta' sussidju – Kumpens ta' krediti – Identifikazzjoni min-naħa tal-konvenut – Ksur ta' rekwiżiti formali – Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura – Inammissibilità manifesta”)*

(2021/C 452/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: GABO:mi Gesellschaft für Ablauforganisation:milliarium mbH & Co. KG (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Mayer, avukat)